# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 28 ta' Marzu 2023**

**Appell numru 307/2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**George ATTARD**
**(KI 492776M)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-**20 ta' Settembru 2021** kontra **ATTARD** li ġie mixli talli għax-xahar ta' **Diċembru 2019**, naqas milli jagħti lil **Ritianne Attard** is-somma iffissata mil-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal **uliedu u/jew Ritianne Attard** fi żmien ħmistax - il jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għal **ġimgħatejn** detenzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **ATTARD** appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi tħassarha u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija jew alternattivament billi tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa għall-każ u dan wara li saħaq li:
   (a) Huwa ġie akkużat bil-kontravenzjoni odjerna permezz tal-akkuża dedotta kontra tiegħu permezz tal-okkorrenza 2/D/744/2020 u għalhekk huwa ġie misjub ħati. Ma jista' qatt li jiġi akkużat iżjed minn darba;
   (b) L-akkuża ma kienetx sorretta mill-provi; huwa kien imqiegħed fi stat ta' impossibilita li jlaħħaq mal-ħlasijiet;
   (c) Huwa ma kellu ebda intenzjoni li ma jħallasx il-manteniment u jikser il-Liġi.
   (d) Il-piena inflitta kienet oneruża wisq.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi l-kwistjoni tan-*ne bis in idem* sollevata mid-Difiża qegħda tiġi indirizzata minn din il-Qorti bis-sentenzi tagħha stess f'dan l-appell u fl-appelli numri 297/2021 (Jannar 2020 u Marzu 2020), 298/2021 (April 2020), 299/2021 (Awissu 2019), 301/2021 (Novembru 2019, Jannar 2020 u Frar 2020) u 311/2021 (Awissu 2019 sa April 2020) liema sentenzi qegħdin jingħataw kontestwalment.

5. Din il-Qorti rat li s-sentenzi meriti ta' dawn l-appelli imsemmija iżjed il-fuq ingħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) matul l-istess seduta fl-20 ta' Settembru 2021. Jirriżulta li dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati f'kull waħda minn dawk il-kawżi u kkundannatu għal piena ta'

priġunerija fl-appelli 297/2021, 301/2021 u 311/2021 u l-piena ta' detenzjoni ta' ġimgħatejn fil-każijiet l-oħra.

6. Jirriżulta li bis-saħħa tas-sentenza meritu tal-appell bin-numru 311/2021 l-appellant ġie misjub ħati tar-reat ravviżat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, fil-forma ta' reat kontinwat, għall-perjodu minn Awissu 2019 sa April 2020 u ġie kundannat għal perjodu ta' tliet xhur priġunerija.

7. Bis-saħħa tas-sentenza meritu ta' dan il-preżenti appell, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati tar-reat ravviżat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali għall-perjodu ta' Diċembru 2019 u ġie kundannat għal perjodu ta' ġimgħatejn detenzjoni.

8. Dan allura jfisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), erronjament, sabet lill-appellant ħati għall-istess fatt ossija l-kommissjoni tar-reat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali għal perjodu Diċembru 2019 meta dan kien diġa kopert fil-perjodu meritu tal-kawża li tifforma l-meritu tal-appell bin-numru 311/2021 u fejn l-appellant ġie misjub ħati tar-reat de quo, fil-forma ta' reat kontinwat għall-perjodu minn Awissu 2019 sa April 2020.

9. Din il-Qorti tqis li s-sejbien ta' ħtija fil-każ meritu ta' dan l-appell ma hux legalment sostenibbli in kwantu jitratta sejbien ta' ħtija għall-istess fatt li seħħet iżjed minn darba.

# Deċide

**Għaldaqstant, mingħajr ħsara għall-meritu tal-appell li jġib in-numri 311 tal-2021, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju f'dan l-appell u tħassar is-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**